MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Numru. 1292/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**KONTRA**

**CATHRANNE VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Cathranne Vella, bint Vincent Zahra u M'Dolores nee' Polidano, mwielda nhar il- 5 ta' Settembru 1981, residenti 110, Katrina, Triq is- Sultana, Paola u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 497181M;

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fid- 9 ta’ Lulju 2010 ghall- habta tas- 13.40hrs gewwa Triq Villabate, Zabbar;

1) Saqet vettura numru SEP 581 b’ manjiera traskrata, perikoluza u bla kont

2) Aktar meta b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti tat- traffiku, nvolontarjament ikkagunat offizi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Michael Portelli skont kif icceritifika Dr. Thomas Armayts MD mill-MDH;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputata kienet qed issuq il-vettura taghha fil-“by-pass” ta’ Marsascala, gejja mid-direzzjoni ta’ Haz-Zabbar niezla lejn M’Scala, meta waqfet fin-nofs tat-triq biex taqsam il-karreggjata u tidhol fejn hem mil-hanut tax-“Chef Choice”. Hekk kif qasmet il-karreggjata, mutur misjuq minn Michael Portelli habit fil-vettura taghha, u Portelli sofra griehi gravi. B’hekk ittiehdu l-proceduri kontra Vella.

Mil-provi prodotti jirrisulta li l-manuvra li ghamlet Vella, ghalkemm kienet manuvra korretta, necessarjament wasslet ghall-kollizjoni minhabba li ma zammetx “a proper lookout” waqt li qed taghmel l-istess manuvra. F’hin bla waqt, Portelli sab it-triq quddiemu ostakolata mill-vettura ta’ Vella, u ma seta’ jaghmel xejn hlief li jahbat maghha.

Hemmhekk il-vizwali tat-triq taghti ghat-tul, ghalkemm hemm liwja kbira u wiesgha f'dik il-parti tat-triq. Huwa facli li tara kemm "on coming traffic" faccata tieghek kif ukoll it-traffiku gej minn warajk. Biex l-imputata qasmet il-karregjata kif ghamlet, bil-fors ma ratx lill-mutur misjuq minn Portelli, izda ma kien hemm xejn jostakola l-vizwali taghha. Bil-fors allura l-manuvra taghha kienet wahda traskurata. Ghall-Qorti, izda, ma tirrisultax li l-manuvra kienet wahda perikoluza jew bla kont.

Kwantu ghall-piena, jidher li hemm trattattivi bejn il-kumpanniji tal-assikurazzjoni tal-partijiet, u ghalhekk il-Qorti ma tarax li ghandu jkun hemm piena iebsa f'dawn ic-cirkostanzi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 15 (1) (a) (2) tal- Kapitolu 65, u l-Artikoli 226 u 328 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------